

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/234

tal-14 ta' Frar 2018

### rigward it-tisħiħ tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet 2019 lill-Parlament Ewropew

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 10(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li fil-livell tal-Unjoni, iċ-ċittadini huma rrappreżentati direttament fil-Parlament Ewropew.
- (2) L-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li kull ċittadin għandu jkollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u li d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib iċ-ċittadini.
- (3) L-Artikolu 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Kunsill Ewropew irid iqis l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew meta jipproponi kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea.
- (4) Sabiex tkompli tissaħħaħ in-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, jeħtieġ li jiġu aġġornati u kkomplimentati xi elementi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/142/UE <sup>(1)</sup> fi żmien tajjeb qabel l-elezzjonijiet tal-2019.
- (5) Huwa essenzjali li tkun rinforzata l-leġittimità demokratika tal-UE u li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja politika fuq livell Ewropew. Iċ-ċittadini jkunu aktar lesti jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew jekk dawn ikunu aktar konxji dwar l-impatt tal-politiki tal-UE fuq il-ħajja ta' kuljum tagħhom, u jekk ikollhom fiduċja li jistgħu jgħidu tagħhom dwar l-aktar għażliet importanti, bħalma huma l-għażla tal-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-istabbiliment ta' prijoritajiet għall-ġejjieni tal-Unjoni.
- (6) Il-bżonn li jissaħħu l-akkontabilità pubblika u t-trasparenza għandu implikazzjonijiet ukoll għall-Kummissjoni. Il-Kummissjoni rrevediet il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni <sup>(2)</sup>. Il-Kodiċi l-ġdid jippermetti lill-Membri tal-Kummissjoni joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew mingħajr ma jkollhom għalfejn jieħdu l-liv. Ir-regoli rilevanti tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ġew riveduti biex jirriflettu din il-bidla <sup>(3)</sup>.
- (7) Il-politiki deċiżi fil-livell Ewropew għandhom konsegwenzi diretti fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u jinwassu fil-livell lokali. Iċ-ċittadini għandhom bżonn ikunu jafu x'hemm involut fil-livell Ewropew biex jagħmlu l-għażla tagħhom fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. L-involvement maċ-ċittadini dwar kwistjonijiet Ewropej jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni demokratika taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-UE. Minn Jannar 2015, il-Kummissjoni attwali organizza 478 Djalogu maċ-Ċittadini fl-Istati Membri kollha, anki f'kooperazzjoni ma' sħab istituzzjonali bħall-Parlament Ewropew, il-Parlamenti nazzjonali, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Bejn Frar 2018 u d-9 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni se torganizza jew tgħin biex torganizza 500 Djalogu addizzjonali f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll mal-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet Ewropej oħra.

<sup>(1)</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/142/UE tat-12 ta' Marzu 2013 dwar it-tisħiħ tal-kondotta demokratika u effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (ĠU L 79, 21.3.2013, p. 29).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Jannar 2018 dwar Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea (C(2018) 700 final).

<sup>(3)</sup> Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2018 dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea (2017/2233(ACI))

- (8) Bosta Stati Membri esprimew ir-rieda tagħhom li jinteraġġixxu f'diskussjonijiet pubbliċi wiesa' dwar il-futur tal-Ewropa, u dawn id-djalogi nazzjonali diġà qed isiru f'għadd ta' Stati Membri. Permezz tal-interazzjoni maċ-ċittadini madwar l-Ewropa u tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni, organizzati skont l-istrutturi politiċi u l-prattiki rispettivi tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jgħinu biex titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar l-importanza tal-vot tagħhom biex jiġi ddeterminat liema viżjoni hija l-aħjar biex tavvanza l-proġett Ewropew. Jenħtieġ li attivitajiet bħal dawn isiru matul il-perjodu bejn il-laqgħa tal-Mexxejja tat-23 ta' Frar 2018 u s-Summit f'Sibiu fid-9 ta' Mejju 2019, ftit qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, fejn il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern huma mistennija jaslu għal konklużjonijiet dwar il-passi li jmiss għall-Unjoni.
- (9) Il-partiti politiċi Ewropej għandhom rwol ewlieni fit-tiswir ta' sensibilizzazzjoni politika Ewropea, fl-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni tal-votanti u fl-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni. Dan ir-rwol jista' jissaħħaħ jekk, matul ix-xhur li ġejjin, il-partiti politiċi Ewropej jikkomunikaw mal-partiti nazzjonali affiljati magħhom u mas-soċjetà ċivili u jqajmu kuxjenza dwar l-għażliet dwar il-ġejjieni tal-Ewropa u l-interessi taċ-ċittadini li qed jirrappreżentaw.
- (10) Is-sistema ta' kandidati prinċipali għal President tal-Kummissjoni — “Spitzenkandidaten” — ġiet implimentata għall-ewwel darba fl-elezzjonijiet tal-2014 tal-Parlament Ewropew.
- (11) Dan il-proċess għen biex isaħħaħ l-effiċjenza tal-Unjoni u l-leġittimità demokratika tagħha, li hija bbażata fuq iż-żewġ pilastri tar-rappreżentazzjoni diretta taċ-ċittadini fil-Parlament Ewropew u r-rappreżentazzjoni indiretta tagħhom mill-gvernijiet tal-Istati Membri fil-Kunsill Ewropew u fil-Kunsill. Huwa kkontribwixxa wkoll biex isaħħaħ l-akkontabilità tal-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li dan jtkompla u jittejjeb fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-2019 tal-Parlament Ewropew.
- (12) Il-partiti politiċi Ewropej u nazzjonali għandhom iħabbru ferm qabel il-bidu tal-kampanja elettorali, idealment sa tmim l-2018, il-kandidat li se jkunu qed jappoġġaw għall-funzjoni ta' President tal-Kummissjoni u idealment sa tmim l-2019, il-programm ta' dan il-kandidat. Dan se jagħmel aktar trasparenti r-rabta bejn il-vot individwali ta' ċittadin tal-Unjoni għal partit politiku partikolari fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-kandidat għal President tal-Kummissjoni appoġġat minn dak il-partit u l-viżjoni tiegħu għall-ġejjieni tal-Ewropa.
- (13) Billi jagħżlu l-kandidati prinċipali tagħhom b'mod miftuħ, inklużiv u trasparenti, pereżempju permezz ta' elezzjonijiet “primarji”, il-partiti politiċi Ewropej u l-partiti membri nazzjonali tagħhom ikomplu jsaħħu dan il-proċess. Dan jgħin ukoll biex iqajjem aktar attenzjoni, kif ukoll biex jiġu mobilizzati l-votanti.
- (14) L-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 12(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jassenja rwol ċentrali lill-partiti politiċi Ewropej. L-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej huma rregolati fuq livell Ewropew. Għal raġunijiet ta' trasparenza, skrutinju u akkontabilità demokratika tal-partiti politiċi Ewropej, il-Kummissjoni pproponiet li tibdel ir-regoli rilevanti qabel l-elezzjonijiet tal-2019 tal-Parlament Ewropew<sup>(1)</sup>. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-aċċess għal finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jkun bil-kundizzjoni li l-programm u l-logo tal-partit politiku Ewropew ikkonċernat jiġu ppubblikati mill-partiti affiljati. Jenħtieġ li ċ-ċittadini jingħataw informazzjoni ċara u rilevanti minn qabel, sabiex jifhmu l-impatt tal-voti tagħhom fil-livell tal-partit Ewropew. Attivitajiet tal-partiti, bħal kongressi, u l-kampanji elettorali tal-partiti nazzjonali huma mezzi addizzjonali xierqa u effiċjenti biex din l-affiljazzjoni ssir magħrufa u tingħata viżibilità ċara.
- (15) Li l-kampanji għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew jinbdew ferm iktar kmieni milli fil-passat u li l-affiljazzjonijiet Ewropej li jipparteċipaw fil-partiti nazzjonali isiru magħrufa qabel il-kampanja, għandhom jikkontribwixxu sabiex tiżdied id-dimensjoni Ewropea ta' dawn l-elezzjonijiet.
- (16) Filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ispeċifitajiet tal-pajsaġġi politiċi tal-partiti nazzjonali tal-Istati Membri, il-partiti politiċi Ewropej huma mħeġġa jgħarrfu minn qabel il-bidu tal-kampanja, u preferibbilment meta jħabbru l-kandidati tagħhom għal President tal-Kummissjoni, liema grupp politiku fil-Parlament Ewropew għandhom il-ħsieb li jingħaqdu miegħu jew joħlqu fil-leġiżlatura li jmiss. Dan ikompli jżid it-trasparenza tar-rabta bejn il-partiti nazzjonali, il-partiti politiċi Ewropej u l-gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew.

<sup>(1)</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej — COM(2017) 481 tat-13 ta' Settembru 2017.

- (17) Billi jħeġġu u jiffaċilitaw l-għoti tal-informazzjoni lill-elettorat dwar l-affiljazzjoni tal-partiti nazzjonali mal-partiti politiċi Ewropej matul il-kampanji elettorali għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, u meta jkun possibbli, anki dwar il-poloż tal-votazzjoni użati f'dawk l-elezzjonijiet, l-Istati Membri se jżidu l-viżibilità tal-partiti politiċi Ewropej u pjattaformi li jipponu matul il-proċess elettorali Ewropew kollu..
- (18) L-Artikolu 22(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom id-dritt tal-vot u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-Istat Membru fejn għażlu li joqogħdu, bid-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE <sup>(1)</sup> li tistabbilixxi arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini.
- (19) Sabiex tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u d-dimensjoni Ewropea tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, huwa inkoraġġit li jitrawmu l-identifikazzjoni u t-tixrid tal-aħjar prattiki tal-Istati Membri u l-miżuri tal-Istati Membri implimentati mill-Istati Membri fit-tħejija u l-amministrazzjoni ta' dawn l-elezzjonijiet, inkluż fir-rigward tad-dritt tal-vot ta' ċittadini Ewropej li jgħixu fi Stat Membru ieħor, kif ukoll il-promozzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet elettorali ta' gruppi sottorappreżentanti, inklużi persuni b'diżabbiltà.
- (20) Fid-dawl tar-riskji għall-proċess elettorali minn attacchi ċibernetiċi u diżinformazzjoni li dehru felezzjonijiet u kampanji riċenti, jenħtieġ li tiġi mħeġġa l-kondiviżjoni tal-esperjenza fost l-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati.
- (21) L-Istati Membri, kif ukoll il-partiti politiċi Ewropej u nazzjonali, għandhom responsabbiltà partikolari li jsaħħu t-tmxxija demokratika u effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

### **L-interazzjoni maċ-ċittadini Ewropej f'dibattiti dwar kwistjonijiet Ewropej qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew**

1. Mil-laqgħa tal-Mexxejja tat-23 ta' Frar 2018, u meta wieħed iqis l-istrutturi u l-prattiki politiċi nazzjonali rispettivi, l-Istati Membri għandhom jorganizzaw avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni biex jinteraġixxu maċ-ċittadini f'dibattiti pubbliċi li jikkonċernaw il-kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-futur tal-Ewropa. Dawn l-avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni għandhom ikomplu sal-laqgħa tal-Mexxejja f'Sibiu tad-9 ta' Mejju 2019, f'it qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Fl-istess perjodu, jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej u l-partiti nazzjonali jgħinu biex iqajmu kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar il-kwistjonijiet involuti fil-livell tal-Unjoni u dwar kif bi ħsiebhom jindirizzawhom matul il-leġiżlatura li jmiss.

### **Appoġġ għal kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea**

2. Kmieni biżżejjed qabel l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, u idealment sa tmiem l-2018, kull partit politiku għandu jgħarraf liema kandidat jappoġġa għall-kariga ta' President tal-Kummissjoni Ewropea. Idealment sa tmiem l-2019, jenħtieġ li huma jgħarrfu wkoll il-programm politiku tal-kandidat innifsu.

Il-partiti politiċi Ewropej u l-partiti membri nazzjonali tagħhom huma mħeġġa jagħżlu l-kandidati prinċipali tagħhom b'mod miftuħ, inklużiv u trasparenti.

Il-partiti politiċi nazzjonali għandhom jiżguraw li l-informazzjoni politika tagħhom, inklużi x-xandiriet politiċi tagħhom, fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew jintużaw ukoll biex jinfurmaw liċ-ċittadini dwar il-kandidat li jkunu qed jappoġġaw għall-funzjoni ta' President tal-Kummissjoni Ewropea u dwar il-programm tal-kandidat tagħhom.

### **Informazzjoni lill-votanti dwar l-affiljazzjoni bejn il-partiti nazzjonali u l-partiti politiċi Ewropej**

3. Filwaqt li jikkunsidraw l-ispeċifitajiet tal-pajsaġġi politiċi tal-partiti nazzjonali tal-Istati Membri, il-partiti politiċi nazzjonali li jieħdu sehem fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandhom jgħarrfu pubblikament qabel l-elezzjonijiet u qabel il-bidu tal-kampanja elettorali, jekk u ma' liema partit politiku Ewropew huma affiljati u liema kandidat prinċipali jappoġġaw.

Safejn ikun possibbli, il-partiti politiċi nazzjonali għandhom juru din l-informazzjoni, inkluż, fejn xieraq, il-logo tal-partit politiku Ewropew fil-materjali, komunikazzjonijiet u xandiriet politiċi kollha tal-kampanja elettorali b'mod prominenti.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993 tistabbilixxi arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (ĠU L 329, 30.12.1993, p. 34).

Il-partiti politiċi Ewropej huma mħeġġa jgħarrfu minn qabel il-bidu tal-kampanja, u preferibbilment meta jħabbru l-kandidati tagħhom għal President tal-Kummissjoni, liema grupp politiku fil-Parlament Ewropew għandhom il-ħsieb li jingħaqdu miegħu jew joħlqu fil-leġislatura li jmiss.

**L-inkoraġġiment u l-faċilitazzjoni tal-informazzjoni lill-votanti dwar l-affiljazzjoni bejn il-partiti nazzjonali u l-partiti politiċi Ewropej**

4. Jenħtieġ li l-Istati Membri jħeġġu u jiffaċilitaw l-għoti ta' informazzjoni lill-elettorat dwar l-affiljazzjoni bejn il-partiti nazzjonali u l-partiti politiċi Ewropej, kif ukoll il-kandidati prinċipali tagħhom qabel u waqt l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, fost l-oħrajn billi jippermettu u jinkoraġġixxu l-indikazzjoni ta' tali affiljazzjoni fil-materjal tal-kampanja, fuq is-siti web u l-partiti membri reġjonali, u, fejn ikun possibbli, fuq il-poloż tal-vot użati f'dawk l-elezzjonijiet.

**Tmexxija effiċjenti**

5. Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini Ewropej residenti fi Stat Membru ieħor jistgħu jużaw id-dritt ta' votazzjoni tagħhom f'dak l-Istat Membru, biex jippromwovu l-eżerċizzju tad-drittijiet elettorali tal-gruppi sottorappreżentati, inluż persuni b'diżabbiltà, u b'mod ġenerali biex jaġġoġgaw imġiba demokratika u għadd kbir ta' votanti li joħlqu jivvotaw, l-awtoritajiet kompetenti huma mħeġġa jiltaqgħu fr-rebbiegħa tal-2018, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, biex jiskambjaw l-aħjar prattiki u miżuri prattiki.

L-awtoritajiet responsabbli kompetenti huma mħeġġa wkoll jidentifikaw, fuq il-bażi tal-esperjenzi tal-Istati Membri, l-aħjar prattiki fl-identifikazzjoni, il-mitigazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji għall-proċess elettorali minn attackki ċibernetiċi u diżinformazzjoni.

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u lill-partiti politiċi Ewropej u nazzjonali.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---